FONTANA

Minuti tas-sitt laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ġimgħa, 29 t`Awissu 2008 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| **Skużat:** | Is-Sur Lorry Apap |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti tal-laqgħat ta` qabel li ġew approvati. Dawn kienu tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa nru. 3 datati 26 ta` Mejju u 30 ta` Mejju, tal-laqgħa nru. 4 datata 30 ta` Ġunju u tal-laqgħa nru. 5 datata 31 ta` Lulju 2008.

**Korrispondenza**

Ms. Rosanne Borg, *Personal Wellness Coach*, kitbet lill-Kunsill dwar laqgħa li tista ssir mingħajr ħlas għar-residenti dwar in-nutrizzjoni. Il-Kunsill qabel illi ssir din il-laqgħa u għaldaqstant għandhom isiru l-kuntatti meħtieġa.
Il-kumpanija *Go* bagħtet korrispondenza dwar offerti li għandhom għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi ssir laqgħa magħhom biex jiġi magħruf eżatt x`inhuma dawn l-offerti.
Il-Kunsill iriċieva ċekk mid-Dipartiment tal-*Customer Services* ta` €52.99 tal-kawża ta` Pius Attard kontra l-Kunsill.
Il-Fondazzjoni OASI bagħtet ittra ta` ringrazzjament lill-Kunsill dwar il-ko-operazzjoni tal-Kunsill fl-attivita` 'Riflessi Sajfin 2008'. Il-Fondazzjoni talbet *sponsorship* għall-avveniment 'Żagħżugħ tas-Sena 2008' li ser isir fix-xahar ta` Novembru 2008. Il-Kunsill ma qabilx għar-raġuni li l-Fondazzjoni OASI diġa ngħatat il-flus għal 'Riflessi Sajfin 2008'.
Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma bagħtet korrispondenza bis-suġġett '*Networks Infrastructure Development & Renewal Section*'.
Is-Sur Joe Cassar, Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-iSport, kiteb lill-Kunsill dwar *survey* dwar il-faċilitajiet sportivi fil-lokalitajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.
Id-Diviżjoni tal-Kummerċ fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment bagħtet korrispondenza bis-suġġett '*European Enterprise Awards*'.
L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għall-permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill.
Il-MEPA bagħtet ukoll korrispondenza bis-suġġett '*Vacant Sites Initiative*'.
Is-Sur Natalino Attard, Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat żewġ korrispondenzi dwar l-iskema ta` parkeġġ ikkontrollat. L-ewwel waħda sabiex b`effett

immedjat ma jingħatawx ċitazzjonijiet dwar din l-iskema u l-oħra fejn turi li din id-direttiva ġiet irtirata.

Id-Dipartiment bagħat korrispondenza bis-suġġett *'Internet Service Provision for Local Councils'*. Id-Dipartiment talab informazzjoni dwar il-postijiet fil-lokalita` li fihom jingħataw l-aktar kontravvenzjonijiet ta` żibel, skart u ħmieġ ta` l-annimali kif ukoll dawk il-postijiet fejn isiru abbużi relatati ma` l-ambjent. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet korrispondenza dwar il-Laqgħa għas-Sindki u Viċi-Sindki li ser issir fil-5 u 6 ta` Settembru 2008.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet korrispondenza bis-suġġett 'Linja Gwida lill-Kunsilli Lokali dwar il-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm'.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa ta` L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bis-suġġett 'Solidarjeta` ma` l-Onor. Karl Chircop'.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 15/2008 dwar L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali determinata li tasal fi ftehim dwar *Tenders* ġodda għal ġbir ta` skart separat bieb bieb.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 16/2008 dwar Att vandalu fuq il-vettura tas-Sur Victor Refalo, Kunsillier Laburista fil-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, Għawdex.

Inqrat Memo 19/2008 dwar Għajnuna lill-Kunsilli Lokali dwar Programmi ta` l-UE mill-MEUSAC. Il-Kunsill qabel illi jabbona biex jirċievi n-*newsletter* elettronika *Funding 4 yEU*.

Inqrat Memo 20/2008 dwar Bumunqar l-Aħmar tal-Palm.

**<u>Mistoqsijiet</u>**

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

**<u>Il-Kuntratt tal-Ġbir ta` Skart Domestiku u Kummerċjali</u>**

Is-Sindku qal illi fil-preżent qed jiġi ppreparat *draft* tal-kuntratti l-ġodda tal-ġbir ta` skart domestiku u kummerċjali u dak tal-ġbir ta` l-iskart separat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku qal illi kiteb lid-Direttur tal-Gvern Lokali u kopja lis-Segretarju Parlamentari Chris Said dwar x`ser jagħmel mill-kuntratt attwali peress li ser jagħlaq fil-11 ta` Settembru 2008. Huwa staqsieh jistax jiġġedded peress li hemm klawsola fil-kuntratt li tgħid dan. Staqsa ukoll jekk jogħla l-prezz min ser jagħmel tajjeb u semma d-differenza li hemm bejn il-prezz attwali ta` €16818.08 u l-allokazzjoni ta` €10948.05 li tingħata mill-Gvern Ċentrali għal 288 *households*. Il-Kunsill qed ikollu jillimita servizzi oħra li jista` jagħti minħabba dan. Dan ilu sejjer għal dan l-aħħar erba` snin minkejja li kellna żewġ kuntratturi differenti meta għollew il-prezz drastikament. Huwa staqsa wkoll jistax jingħata d-differenza li ħareġ peress li dan l-aħħar ingħata sussidju għad-*diesel* bi snin lura lill-kuntratturi. Peress li għada ma ngħatat l-ebda risposta il-Kunsill qabel illi għalissa ma jagħmel xejn fir-rigward ta` dan il-kuntratt u jiġi diskuss f`laqgħa oħra.

**<u>Proġett Ċentru Ċiviku – it-tieni fażi</u>**

Is-Sindku qal illi ktibna lis-Sur Albert Mamo, Kummissarju tal-Artijiet, dwar il-Qorti tal-fond 189/190 fi Triq tal-Għajn kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti u s`issa għadu ma weġibnix.

Dwar il-fond 191 fi Triq tal-Għajn m`hemmx Qorti u l-parir hu li nitolbu lill-Gvern biex jiġi mgħoddi lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill qabel ukoll illi jinforma lid-Dipartiment illi l-art ta` dawn il-fondi ma ġietx akkwistata mingħand il-Knisja kif intqal fl-*e-mail* tas-Sur Gilson iżda mingħand Sant Cassar u Depiro Gourgion. Dan skond il-Gazzetta tal-Gvern datata 23 ta` Ġunju 1970. Il-Kunsill ser jinforma lid-Dipartiment li Anthony Cassar, l-okkupant ta` 189/190 fi Triq tal-Għajn m`għadux Kunsillier, kif intqal f`din l-istess *e-mail*.

**Mozzjonijiet**

Mozzjoni Nru.1 tas-Sur Horace Micallef u ssekondata mill-Viċi-Sindku. Il-Kunsillier Victor Cefai qal illi huwa diġa kien ipprova li jsiru dawn ir-*road humps* imma kienu qalulu li peress li tgħaddi l-karozza tal-linja ma jingħatax permess. Il-Kunsill qabel illi jitlob lill-A.D.T.

**Approvazzjoni ta` kontijiet**

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| Saviour Borg | € | 330.54,0 |
| Josianne Cassar | € | 1,348.57,0 |
| *Commissioner of Inland Revenue* | € | 615.52,0 |
| *Petty Cash* | € | 70.35,0 |
| *M.E.P.A.* | € | 34.94,0 |
| *Go* | € | 77.58,0 |
| *Merlin Library Ltd.* | € | 73.39,0 |
| Savio Debrincat | € | 5465.34,0 |
| Charles Attard | € | 36.00,0 |
| Josephine Schembri | € | 456.00,0 |
| Natalie Buttigieg | € | 488.50,0 |
| *Sound & Vision* | € | 594.00,0 |
| Pupul Attard | € | 1085.40,0 |
| Total | € | 10676.13,0 |

**Ilmenti/Suġġerimenti**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm ilment dwar ħmieġ tal-klieb fi Triq ta` Mulejja. Il-Kunsill qabel illi jagħmel tabelli għal dan il-għan. Dan baqa` jsir minkejja li fl-aħħar ħarġa tal-fuljett sar avviż dwar dan.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw ukoll lill-Kunsill li hemm ilmenti mir-residenti dwar il-każijiet ta` serq li hawn fil-lokalita`. Il-Kunsill qabel illi jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija għal iktar sorveljanza u r-ronda tar-Rabat tkun tinkludi l-lokal tal-Fontana. Peress li wara l-laqgħa ser ikun hemm laqgħa għas-Sindki Għawdxin mal-Ispetturi Josric Mifsud u Frank Tabone s-Sindku ser iressaq dan l-ilment ukoll.

Is-Sindku qal illi hemm talba biex isiru żewġt iqsari tal-ġebel u bank żgħir fi Sqaq ta` Kaputt. Il-Kunsill qabel.
Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa jekk f`tarf Triq l-Isptar San Ġiljan tistax issir *slow sign* għaliex jibqgħu ħerġin sparati għal isfel. Il-Kunsill qabel illi jitlob lil Louis Portelli.

Dwar l-ilment ta` Joseph Formosa s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill il-korrispondenza tal-Kunsill ta` qabel relatata ma` dan l-ilment. Il-Kunsill kien kiteb lill-MEPA peress li Formosa kellu problema biex jingħata permess għall-applikazzjoni tiegħu PC0027/06 minħabba li toħloq periklu fil-kisra. Il-Viċi-Sindku ser jieħu ħsieb ikellem lis-Sur Stafrace tal-MEPA dwar kif inhi s-sitwazzjoni tat-traffiku u li qatt ma kien hemm ilmenti, kif fil-fatt il-Kunsill kien kitiblu fi Frar 2007.

Il-Kunsillier Victor Cefai ssuġġerixxa li ssir tabella fit-triq li tkun tindika li hemm is-servizz tal-*wi-fi* fil-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal illi l-Kunsill għandu jifraħ lil Stephanie Pavia għall-premju li rebħet dan l-aħħar mill-Parroċċa ta` San Lawrenz. Il-Kunsill qabel u għandha tinkiteb ittra lil Stephanie Pavia.

**<u>Materji oħra</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi sar eżerċizzju minn Uffiċċjali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-aċċessibilita` għal persuni b`diżabilita` tal-bini tal-Kunsill Lokali.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bagħat ir-risposta tal-*management letter* lill-awtoritajiet konċernati.
Tkompla wkoll isir xogħol ta` manutenzjoni u tindif mill-ħaddiema tal-Kunsill kull fejn kien hemm bżonn fosthom il-ħasil tal-proġett ta` Pjazza l-Għejjun u l-ilment dwar bankina temporanja fi Triq Għajn Tuta u kif ukoll oħra quddiem żewġ *plots* vojta fi Triq ta` Mulejja bil-konkos u tisqija tal-qsari.
Inbidlu wkoll erba` tabelli ġodda tal-'*Bus Stop*' mis-Sezzjoni tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fi Triq tal-Għajn u Triq ix-Xlendi. Tressaq ukoll il-bank ta` taħt ir-*railing* li kien hemm ilment fuqu, dan sar ukoll mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.
Intbagħtu wkoll żewġ ritratti lill-MTA dwar il-Fontana biex jitpoġġew fil-*Website* tagħhom.
Sar ukoll il-kejl tax-xogħol li wettqu *MPJ Ltd.* tal-bankina u l-parti mill-*Playing Field* fejn saret l-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Attendew is-Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap, il-kuntrattur Joe Spiteri u Salvu Bonello li kejjel ix-xogħol.
Sar ukoll vandaliżmu fil-*Playing Field* billi ġew imkissra xi ittri ta` l-isem. Il-Kunsill qabel illi jordnahom mingħand il-*Gozo Pottery Barn*.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill illi kellem lil Paul Curmi dwar l-applikazzjonijiet għall-fondi ewropej u dan aċċetta li jgħin lill-Kunsill.
Saret ukoll l-applikazzjoni mill-Perit John Saliba lill-MEPA biex isir ir-restawr tal-Għajn ta` Bendu. Dwar din l-applikazzjoni l-MEPA nfurmat lill-Kunsill illi ser tikkonsulta mal-*Cultural Heritage Advisory Committee* u talbet ukoll li jsir *Restoration Method Statement* mill-Perit.
Saret ukoll laqgħa bejn is-Sindku u l-Perit AnnaMaria Attard Montalto fuq il-post fejn il-Kunsill qed jipproponi li jinbnew żewġ garaxxijiet. Il-Perit għandha tħejji l-pjanti meħtieġa.

Is-Sindku ppropona wkoll li ssir ħarġa għat-tfal f`Malta minflok f`Għawdex għar-raġuni li l-prezz tad-dawra bid-dgħajsa m`Għawdex huwa għoli ħafna. Il-Viċi-Sindku sostna li t-tfal għandhom ikunu akkumpanjati. Din il-ħarġa kellha titressaq aktar `il quddiem minħabba attivita` oħra li ġiet organizzata mill-Parroċċa.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat minn John Theuma u Fr. Alex Refalo jekk hux possibbli li l-Kunsill jagħti xi *sponsor* għal *SportsFest* li ser torganizza l-Parroċċa. Il-Kunsill qabel illi jagħti €70 bħal ma kien isir qabel.
Is-Sindku attenda laqgħa għas-Sindki Għawdxin fil-*Grand Hotel* Għajnsielem mas-Segretarju Parlamentari Chris Said. Ġew diskussi xi attivitajiet li jistgħu jsiru f`diversi *weekends* matul ix-Xitwa. Is-Sindku ppropona l-aħħar *weekend* ta` Novembru, fejn tista` ssir din l-attivita` mal-festa ta` Sant`Indrija u 'Jum il-Fontana'. Ġiet ukoll diskussa d-dikjarazzjoni tal-Aalborg biex tiġi ffirmata mal-Kunsilli Lokali Għawdxin.
Is-Sindku u l-Viċi-Sindku attendew għall-laqgħa pubblika dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Din saret f`Marsalforn fejn attendew fost l-oħrajn il-Prim Ministru Lawrence Gonzi u s-Segretarju Parlamentari Chris Said.
Saret laqgħa fil-Kunsill Lokali tal-Munxar dwar l-attivita` li hemm il-ħsieb li tiġi organizzata fil-bajja tax-Xlendi għat-tfal minn dawn iż-żewġt irħula. Għal din il-laqgħa attendew il-Viċi-Sindku, l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. F`din il-laqgħa ntqal li l-attivita` għandha ssir fil-21 ta` Settembru u l-Kunsill tal-Fontana għandu joħrog €232.94 fi trofej. Il-Kunsill qabel u għandha tintalab l-għajnuna teknika u finanzjarja lil Joe Bajada tal-Kunsill Malti għall-Isport.
Is-Sindku attenda għaċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-proġett rurali '*Leader*'. F`din iċ-ċerimonja twaqqaf il-*Gozo Action Group* permezz ta` kuntratt pubbliku bejn il-Kunsilli Lokali Għawdxin u l-għaqdiet mhux governattivi. Ser ikun hemm iktar minn 6 miljun Ewro bejn is-snin 2007 u 2013 biex jitwettqu dawn il-proġetti rurali f`Għawdex. Għal din iċ-ċerimonja attendew diversi Sindki, l-Ministru għal Għawdex Ġiovanna Debono u s-Segretarju Parlamentari Chris Said, kif ukoll il-President tal-Kumitat Dr. Joseph Grech.
Saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill mas-Sur Joe Farrugia mill-Ministeru għal Għawdex dwar l-opportunitajiet ta` fondi mill-Unjoni Ewropeja. Attendew is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.
Is-Sur George Schembri mir-'Radju *Sacro Cuor*' talab lill-Kunsill sabiex tintbagħat ittra lill-*Broadcasting Authority* dwar il-benefiċċju ta` dan ir-radju. Il-Kunsillier Victor Cefai qal illi jekk jagħtuna programm għall-Kunsill tkun idea tajba ħafna. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku għandu jikteb din l-ittra.
Is-Sindku ppropona li fl-ittra li għandha tintbagħat lill-*Bank of Valletta* għandha tintalab għajnuna speċifikament għar-restawr tal-Għajn ta` Bendu. Il-Kunsill qabel.
Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa xi flus baqa` mill-Kunsill ta` qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet illi flus ma fadalx mis-sena ta` qabel u għad fadal xi kontijiet tax-xogħol li sar u għadhom ma daħlux il-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fis-5.40 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 30 ta` Settembru 2008 fit-3.00 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |